MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 750/2005

**Paul Cardona**

**vs**

**Jean Pierre Azzopardi**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' tlett elef, erba' mija erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06) gja` Lm1500 rapprezentanti danni kollha sofferti mill-attur wara incident tat-traffiku ghal habta ta` l-10.05 p.m. li sehh fi Triq il-Ferrovija Qadima, B`kara bejn il-bicikletta misjuqa mill-attur u Simon Caruana u l-vettura proprjeta' ta' Cristino Azzopardi bin-numru ta' registrazzjoni CAF-552 li dak il-hin kienet misjuqa minn ibnu Jean Pierre Azzopardi, il-konvenut.

Illi l-konvenut kien qed isuq tali vettura b’mod negligenti, perikoluz u b’nuqqas ta’ harsien tat-traffiku, tant illi huwa injora totalment is-sinjali tat-traffiku biex jieqaf, baqa’ hiereg fuq in-naha ‘l hazina tat-triq, kif ukoll kompla isuq fuq in-naha hazina tat-triq ghal fuq l-attur u l-imsemmi Simon Caruana. Il-konvenut kien intsab hati ta’ dan f’Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Illi l-attur sofra danni htija tal-konvenut u qed jintalab li dawn jigu likwidati minn dan it-Tribunal, izda ghal finijiet ta’ kompetenza jigi dikjarat li t-talba attrici ma teccedix €3494.06 gja` Lm1,500.

Qed jintalbu ukoll l-ispejjez, l-imghaxijiet u li l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ta’ Jean Pierre Azzopardi fejn ecepixxa illi fl-ewwel lok, dan it -Tribunal mhux kompetenti illi jisma’ u jiggudika dawn il-proceduri odjerni u dan stante li l-kwistjoni titratta dwar incident awtomobilistiku fejn l-ammont pretiz in linea ta’ danni jeccedi il-€ 1164.69 gja` Lm500 u ghalhekk il-proceduri kellhom jigu intavolati fic-Centru Malti tal-arbitragg.

Illi assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, il-mertu ta’ din il-kawza diga ‘qieghda tigi trattata fi proceduri quddiem dana t-Tribunal, diversament presjedut fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Ltd et vs Paul Cardona et (Avviz numru 193/05) u ghalhekk u unikament jekk l-ewwel eccezzjoni sollevata tigi michuda ikun hemm lok illi dawn iz-zewg kawzi jinstemghu kontestwalment.

Illi fil-mertu, u dejjem minghajr pregudizzju ghal dak kollu fuq premess, it-talba ta` l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghanda tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda htija da parti tal-konvenut, kif jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Ra u sema` l-provi, kif ukoll affidavit, ta’ WPS Josephine Moore, Jean Pierre Azzopardi, Alfred

Farrugia, Paul Cardona, Simon Cardona u Leonard Ellul Bonnici.

Ra n-noti ta' osservazzjonijiet.

Ra illi b'sentenza preliminari tas-6 ta' Mejju, 2005 f'din il-kawza l-atti ta' dak il-kaz intbaghtu mir-Registratur lura ghal quddiem dan it-Tribunal kif ppresjedut sabiex din il-kawza tinstemgha kontestwalment mall-kawza fl-ismijiet Fogg Insurance et vs Paul Cardona et quddiem l-istess Tribunal kif ppresjedut, mhux biss ghall-ekonomija tal-gudizzju izda biex ikun evitat duplicita' ta' provi. Ghalhekk il-kawza odjerna kif ukoll il-kjawza fl-ismijiet hawnhekk imsemmija bdew jinstemghu fl-istess seduta.

Ra illi giet prezentata nota ta' osservazzjonijiet in segwitu ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut Simon Caruana fil-kawza fl-ismijiet Fogg Insurance Limited et vs Simon Caruana et. Ra illi kien hemm nota risponsiva u li b'sentenza ta` l-14 ta' Novembru, 2005 it-Tribunal kif diversament presjedut kien iddecieda illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Simon Caruana kienet infondata u giet michuda bl-ispejjez kontra tieghu u l-kawza kompliet bis-smigh taghha.

Illi ghal xi zmien il-kawza kienet giet sospiza peress illi l-konvenut Simon Caruana, fil-kawza Fogg Insurance Limited et vs Paul Cardona et kien ipprezenta rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) biex jinficja t-Tribunal. Illi b'sentenza datata 31 ta' Mejju, 2006 il-Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni ta` l-intimat u ddikjarat li l-Onorevoli Prim Ministru m'huwiex il-kontradittur legittimu tal-azzjoni attrici u helsitu milli jibqa' fil-kawza. Wara din is-sentenza
l-kawzi komplew jinstemghu.

**IKKUNSIDRA**

Illi dan il-kaz jitratta dwar incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Gunju, 2006 fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, B`kara.

Mix-xhieda gie konkluz illi l-vettura CAF 552 assigurata mas-socjeta' attrici, proprjeta' ta' Cristino Azzopardi kienet misjuqa minn iben l-attur u cioe' Jean Pierre Azzopardi. Illi huwa kien tielgha minn Triq Azzopardi li hija telgha, u li ma l-*'stop sign'* huwa kien waqaf u meta ra illi ma kienx gej traffiku, qala sabiex jaqsam u waqt li l-vettura tieghu kienet miexja kien hemm impatt bejn il-vettura misjuqa minn Jean Pierre Azzopardi u l-konvenuti li kienu gejjin minn fuq il-lemin tieghu kontra s-sinjal '*one way'* minn Triq il-Ferrovija l-Qadima, B'Kara.

Mill-provi jirrizulta illi s-sewwieq tal-vettura kien qal illi c-ciklisti kienu ghaddejjin kontra s-sinjal tat-traffiku minghajr dawl u li huwa kien waqaf ma l-'*stop sign'* ma ra hadd u kompla fi trieqtu. Il-konvenuti minn banda l-ohra kienu qablu illi huma kellhom d-dawl izda x-xhud Leonard Ellul Bonnici ma setghax jiftakar jekk kellhomx dwal jew le izda qal illi huma kienu qieghdin iharsu r-regolamenti tat-traffiku u li s-sewwieq tal-vettura kien qasam it-triq minghajr ma kien waqaf fuq l-'*stop Sign',* li kien hemm huwa u hiereg minn Triq Azzopardi, B'Kara. Il-konvenut Paul Cardona ikkonferma illi huwa kien habat ma` l-bieba leminija tal-vettura misjuqa minn Jean Pierre Azzopardi. Ix-xhud spjega illi huma kienu mixjin kontra s-sinjal tal-'*One way'* ghaliex bhala ciklisti kellhom dejjem isuqu kontra t-traffiku. Ix-xhud Ellul Bonnici qal illi huwa ma jaqbilx ma` l-iskizz li hemm prezentat fl-atti tal-kawza u ma jiftakarx jekk ir-roti kellhomx dawl jew le. Simon Caruana kien zied illi huwa kien ra l-karozza ghall-ewwel darba ma` l-impatt fejn kien intlaqat mill-quddiem tal-vettura u mar ghal fuqha.

Mill-provi migbura, t-Tribunal huwa tal-fehma illi kemm is-sewwieq tal-vettura kif ukoll ic-ciklisti ma kienux ottemporaw ruhhom mar-regolamenti tat-traffiku, izda c-ciklisti ghandhom l-akbar tort fil-vertenza tal-kawza. Huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana lli c-ciklisti m'ghandhom jkunu kontra s-sinjali tat-traffiku. Ic-ciklisti, li kienu konxji mill-fatt illi kienu miexjin fi triq '*one way'* kellhom id-dover li joqghodu ferm aktar attenti mis-soltu peress illi kienu ghaddejjin kontra s-sinjal tat-traffiku u kellhom jiehdu prekawzjoni akbar sabiex jzommu '*a*

*proper look out*.' Is-Sewwieq, mill-banda l-ohra jidher illi baqa' hiereg mill-'*stop sign'* minghajr ma ra c-ciklisti.

Mill-provi konfliggenti ma jirrizultax car jekk ic-ciklisti kellhomx fil-fatt id-dawl tal-bicikletti mixghula. Illi huwa minnu illi l-kaz sar meta kien qed idallam. Illi huwa minnu illi c-ciklisti kienu miexjin minn triq '*one way'*. Minn naha l-ohra skond ix-xhieda tas-sewwieq tal-vettura CAF 552 huwa kien midhla sew tal-post. Illi ma` l-inkrocju fi kliemu stess tezisti *'blind corner'* u ghalhekk qal illi kellu joqghod iktar attent.

It-Tribunal jirrileva illi l-provi tas-sewwieq kif ukoll il-konvenuti huma konfliggenti. Jirrizulta lli ghalkemm ix-xhieda taz-zewg konvenuti taqbel, dawn kienu tkellmu bejniethom. Illi t-Tribunal, sabiex jasal ghal konkluzjoni gusta u ekwa ha jkollu jevalwa u jgharbel il-provi migjuba quddiemu b'lenti wiesgha.

Fil-fehma tat-Tribunal u wara li ezamina l-provi migjuba quddiemu t-Tribunal huwa konvint illi s-sewwieq ta` l-vettura CAF 552 ma kienx tielgha bi '*speed*' eccessiv izda meta wasal ma` l-inkrocju huwa hares lejn minn fejn normalment johrog it-traffiku minghajr ma kien wisq attent ghal-lemin tieghu peress illi huwa, '*essendo'* midhla sew ta` l-akwati kien jaf illi din it-triq kienet '*one way'* u ma basarx illi kienu gejjin vetturi. Konsegwentament huwa qala' minn Triq Azzopardi ghal go Triq il-Ferrovija Qadima fejn fil-pront baqghu hiergin ic-ciklisti, li minn naha taghhom ma kienux qieghdin miexjin skond ir-regolamenti tat-traffiku, waqt li kienu nezlin minn triq kontra s-sinjal tat-traffiku, fejn kellhom ikunu iktar kawti u jsuqu kemm jista' jkun bil-mod. Ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi illi nezlin min triq imdallma, kontra s-sinjal tat-traffiku u minghajr dwal, ghalkemm ic-ciklisti raw l-inkrocju ma hassewx il-htiega li jieqfu . Ic-ciklisti kellhom id-dover illi jieqfu f'kull inkrocju partikolarment meta t-triq li kienu niezlin minnha kienet '*one way' u kien qed jidlam sew.* Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna lli bicikletti ghandhom jimxu fl-istess direzzjoni tat-traffiku u mhux kontra s-sinjali tat-traffiku. Minn banda l-ohra s-sewwieq tal-vettura kellu d-dover illi jhares iz-zewg nahat meta jkun

qieghed jaqsam u mhux ghax kien jaf li t-triq hija '*one way'* seta' johrog minghajr ma jara x'kien gej miz-zewg nahat tal-vettura tieghu. It-Tribunal jrrilleva lli fl-incident l-attur kien habat mall-bieba tal-vettura.

Illi huwa minnu illi konsegwenza ta' dan l-incident l-attur kellu jittiehed l-isptar u jigi operat b'konsegwenza illi kwazi tmien snin wara, l-attur baqa' jsofri il-konsegwenzi ta' dak l-incident u gie certifikat mill-kirurgu kuranti tieghu, Sur Ivan Esposito, illi l-attur qed isofri b'disabilita' f'gog ta' spallejh ta' 4%. Bid-disabilita' li sofra huwa baqa' jippratika l-isport orjentali tat-Tai Chi izda mhux bl-istess impenn ta' qabel l-incident. It-Tribunal jirrilleva illi d-disabilita' li qed isofri m'hijiex qieghda timpedih milli jahdem u jkompli bil-karriera tieghu.

It-Tribunal jirrilleva illi l-attur qatt ma pprezenta lit-Tribunal prospett ghad-danni izda ried illi s-somma tigi likwidata mit-Tribunal u gew prezentati kopji tal-*income tax returns* tas-snin basici tal-1999 u s-sena 2000.

Ili waqt it-trattazzjoni tal-kawza, it-Tribunal jidhirlu illi l-attur ma ppruvax illi l-incident sehh unikament tort tal-konvenut. Illi minn analazi tal-fatti kif pprezentati u d-dokumenti ezbiti fl-atti tal-kawza, it-Tribunal huwa konvint illi z-zewg partijiet ghandhom tort ghal dan l-incident, izda t-tort principali huwa tac-ciklisti. Konsegwentement, it-Tribunal jhoss illi t-talba kif maghmula ma timmeritax akoljiment .

Wara li ezamina l-provi migjuba quddiemu, t-Tribunal ihoss illi ghal dan l-incident iz-zewg partijiet ghandhom tort u kull parti ghandha tassumi r-responsabbilita' taghha ghal hsarat li hija garbet.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici.

Spejjez tal-kawza tibqa' minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------